SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

3 ta' Ġunju 2010 *

Fil-Kawża C-203/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Mejju 2008, fil-kawża

Sporting Exchange Ltd, li topera bl-isem "Betfair",

vs

Minister van Justitie,

fil-preżenza ta':

Stichting de Nationale Sporttotalisator,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues (Relatur), President tal-Awla, P. Lindh, A. Rosas, U. Lõhmus u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Novembru 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Sporting Exchange Ltd, li topera bl-isem "Betfair", minn I. Scholten-Verheijen, O. Brouwer, A. Stoffer u J. Franssen, avukati,

— għall-iStichting de Nationale Sporttotalisator, minn W. Geursen, E. Pijnacker Hordijk u M. van Wissen, avukati,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels kif ukoll minn M. de Grave u Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn A. Hubert u L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn J. Bering Liisberg u V. Pasternak Jørgensen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma, bħala aġent,

— għall-Gvern Grieg, minn M. Tassopoulou, Z. Chatzipavlou u A. Samoni-Rantou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn F. Díez Moreno, bħala aġent,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u P. Mateus Calado kif ukoll minn A. Barros, bħala aġenti,

— għall-Gvern Finlandiż, minn A. Guimaraes-Purokoski u J. Heliskoski, bħala aġenti,

— għall-Gvern Norveġiż, minn P. Wennerås u K. Moen, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn E. Traversa, A. Nijenhuis u S. Noë, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Diċembru 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tittratta dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Sporting Exchange Ltd, li topera bl-isem "Betfair", stabbilita fir-Renju Unit (iktar 'il quddiem "Betfair"), u Minister van Justitie (Ministru għall-Ġustizzja, iktar 'il quddiem il-"Ministru") dwar iċ-ċaħda ta' dan tal-aħħar, minn naħa, għat-talbiet tagħha sabiex tikseb il-liċenzja għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-użżard fil-Pajjiżi l-Baxxi u, min-naħa l-oħra, għar-rikorsi li hija ppreżentat kontra l-liċenzji mogħtija lil żewġ operaturi oħrajn.

Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

3 L-Artikolu 1 tal-liġi dwar il-logħob tal-ażżard (Wet op de kansspelen, iktar 'il quddiem il-"Wok") jipprovdi:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu Va ta' din il-liġi, huwa pprojbit:

a. li tingħata l-possibbiltà li wieħed jikkompeti għal premjijiet jew rigali jekk l-għażla tar-rebbieħa tkun imsejsa esklużivament fuq ix-xorti li fuqha l-parteċipanti ma jkunu jistgħu jeżerċitaw, ġeneralment, l-ebda influwenza effettiva, sakemm ma tkunx ingħatat il-liċenzja għal dan il-għan, skont din il-liġi;

b. li tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni f'attività imsemmija fil-paragrafu a, offerta mingħajr liċenzja skont din il-liġi, jew f'attività korrispondenti barra mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-Ewropa, jew li wieħed ikollu fil-pussess tiegħu għal dan il-għan dokumenti partikolari għall-pubblikazzjoni jew distribuzzjoni; […]"

4 L-Artikolu 16(1) tal-Wok jgħid dan li ġej:

"Il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Ministru għall-Benesseri, għas-Saħħa Pubblika u għall-Kultura jistgħu jagħtu lil persuna li għandha personalità ġuridika sħiħa liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri sportivi għal tul ta' żmien li huma jistabbilixxu, bl-għan li jiġu ffavoriti l-interessi ta' istituzzjonijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tal-isport u tal-edukazzjoni fiżika, tal-kultura, tal-benesseri soċjali u tas-saħħa pubblika."

5 L-Artikolu 23 tal-Wok jipprovdi li:

"1. Il-liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri reċiproki tista' tingħata biss skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu.

2. 'imħatra reċiproka' tfisser kwalunkwe opportunità li ssir imħatra fuq ir-riżultati tat-tiġrijiet taż-żwiemel bit-trott jew bil-galopp, bil-kundizzjoni li t-total tal-flus milgħuba, suġġett għal tnaqqis permess mil-liġi jew minn din l-istess liġi, jinqasam bejn il-persuni li għamlu l-imħatra tagħhom fuq ir-rebbieħ jew wieħed mir-rebbieħa."

6 Skont l-Artikolu 24 tal-Wok, il-Ministru għall-Agrikoltura u s-Sajd u l-Ministru għall-Ġustizzja jistgħu jagħtu lil persuna ġuridika unika, li għandha l-kapaċità ġuridika sħiħa, liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri reċiproki għal tul ta' żmien li għandu jiġi ddeterminat minnhom.

7 L-Artikolu 25 tal-Wok jipprovdi li:

"1. Il-Ministri msemmija fl-Artikolu 24 iżidu mal-liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri reċiproki ċerti kundizzjonijiet.

2. Dawn il-kundizzjonijiet jirrigwardaw b'mod partikolari:

a. in-numru tat-tiġrijiet taż-żwiemel bit-trott jew bil-galopp;

b. l-ammont massimu li kull persuna tista' tilgħab;

c. il-perċentwali miżmuma qabel ma jsir il-qsim bejn ir-rebbieħa tal-imħatri kif ukoll l-attribuzzjoni ta' din il-perċentwali;

d. il-verifika tal-applikazzjoni li għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet;

e. l-obbligu ta' prevenzjoni u tal-assigurazzjoni li jkun hemm prevenzjoni, sa fejn dan ikun possibbli, kontra l-imħatri mhux awtorizzati jew l-intermedjazzjoni fil-qasam tal-imħatri fil-postijiet fejn isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel bit-trott jew bil-galopp.

3. Il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu emendati u miżjuda."

8 Skont l-Artikolu 26 tal-Wok:

"Il-liċenzja mogħtija skont l-Artikolu 24 tista' tiġi rtirata mill-Ministri msemmija fl-istess artikolu qabel id-data ta' skadenza jekk jiġu miksura l-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 25."

9 Skont l-Artikolu 27 tal-Wok, huwa pprojbit li jiġi propost jew li jiġi pprovdut lill-pubbliku servizz intermedjarju fit-teħid ta' mħatri minn operatur ta' mħatri reċiproki.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Il-leġiżlazzjoni Olandiża dwar il-logħob tal-ażżard hija bbażata fuq sistema ta' liċenzji esklużivi skont liema, minn naħa, huma pprojbiti l-organizzazzjoni jew il-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard jekk ma tinkisibx liċenzja għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu biss liċenzja waħda għal kull logħba tal-ażżard awtorizzata.

11 Barra minn hekk, mill-proċess tal-kawża prinċipali kif intbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li ma teżisti l-ebda possibbiltà li l-logħob tal-ażżard jiġi offert fil-Pajjiżi l-Baxxi b'mod interattiv permezz tal-internet.

12 L-iStichting de Nationale Sporttotalisator (iktar 'il quddiem "De Lotto"), li hija fondazzjoni rregolata taħt id-dritt privat mingħajr skop ta' lukru, għandha, mill-1961, liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri sportivi, tal-lottu u ta' logħob tan-numri. Il-liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri reċiproki fuq ir-riżultati ta' tiġrijiet taż-żwiemel ingħatat lill-kumpannija ta' responsabbiltà limitata Scientific Games Racing BV (iktar 'il quddiem "SGR"), li hija sussidjarja tal-kumpannija Scientific Games Corporation Inc., stabbilita fl-Istati Uniti.

13 Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li De Lotto għandha bħala għan, skont l-istatut tagħha, il-gbir ta' fondi permezz tal-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard u t-tqassim ta' dawn il-fondi bejn istituzzjonijiet li jaħdmu fl-interess ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tal-isport, tal-edukazzjoni fiżika, tal-benesseri soċjali, tas-saħħa pubblika u tal-kultura. De Lotto hija mmexxija minn kulleġġ ta' kummissarji kompost minn ħames membri, li l-president tiegħu huwa nnominat mill-Ministru. Il-membri l-oħra huma magħżula mill-iStichting Aanwending Loterijgelden Nederland (Fondazzjoni għall-użu tad-dħul mil-lottu) kif ukoll min-Nederlands Olympisch Comité/Nederlandes Sport Federatie (Kumitat Olimpiku Olandiż/Federazzjoni Sportiva Olandiża).

14 Betfair topera fis-settur tal-logħob tal-ażżard u toffri s-servizzi tagħha unikament permezz tal-internet u permezz tat-telefon. Mir-Renju Unit, hija tpoġġi għad-dispożizzjoni tad-destinatarji ta' servizzi sistema għall-imħatri fuq l-avvenimenti sportivi u t-tiġrijiet taż-żwiemel, magħrufa bl-isem ta' "betting exchange", abbażi ta' liċenzji Brittaniċi u Maltin. Betfair ma tiddisponi minn ebda stabbiliment jew post tal-bejgħ fil-Pajjiżi l-Baxxi.

15 Billi xtaqet toffri s-servizzi tagħha b'mod attiv fis-suq Olandiż, Betfair talbet lill-Ministru jieħu deċiżjoni dwar jekk liċenzja hijiex neċessarja għall-eżerċizzju ta' tali attivitajiet. Talbitu wkoll liċenzja għall-organizzazzjoni, fuq l-internet jew le, ta' mħatri sportivi u ta' mħatri reċiproki fuq ir-riżultati tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Permezz tad-deċiżjoni tad-29 ta' April 2004, il-Ministru ċaħad dawn it-talbiet.

16 Il-kontestazzjoni mressqa kontra din id-deċiżjoni ġiet miċħuda mill-Ministru fid-9 ta' Awwissu 2004. Dan tal-aħħar osserva b'mod partikolari li l-Wok tipprovdi għal sistema magħluqa ta' liċenzji li ma tagħtix il-possibbiltà li jingħataw liċenzji bl-għan li tiġi offerta l-possibbiltà li persuna tipparteċipa f'logħob tal-ażżard permezz tal-internet. Billi Betfair ma setgħetx tottjeni liċenzja skont l-imsemmija liġi għall-attivitajiet attwali tagħha bl-internet, kienet ipprojbita milli toffri servizzi lil destinatarji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi.

17 Betfair resqet ukoll żewġ kontestazzjonijiet kontra d-deċiżjonijiet tal-Ministru tal-10 ta' Diċembru 2004 u tal-21 ta' Ġunju 2005 li jġeddu l-liċenzji mogħtija rispettivament lil De Lotto u lil SGR.

18 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-Ministru, tas-17 ta' Marzu u tal-4 ta' Novembru 2005 rispettivament, dawn il-kontestazzjonijiet ġew miċħuda.

19 Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Diċembru 2006, ir-Rechtbank 's-Gravenhage (qorti distrettwali tad-Den Haag) iddikjarat li r-rikorsi ppreżentati minn Betfair kontra d-deċiżjonijiet ta' ċaħda msemmija iktar 'il fuq huma infondati. Għaldaqstant Betfair ippreżentat appell minn din id-deċiżjoni quddiem ir-Raad van State.

20 Fl-appell tagħha, Betfair sostniet, essenzjalment, li l-awtoritajiet Olandiżi kellhom l-obbligu, minn naħa, li jirrikonoxxu l-liċenzja li minnha hija tibbenefika fir-Renju Unit u, min-naħa l-oħra, li jirrispettaw, abbażi tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-260/04, Ġabra p. I-7083), il-prinċipju ta' trasparenza fl-għoti ta' liċenzja sabiex jiġi offert logħob tal-ażżard.

21 Fid-dawl tal-fatt li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija neċessarja sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kawża quddiemha, ir-Raad van State ddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fejn sistema magħluqa ta' liċenzji tiġi applikata fi Stat Membru għall-provvista ta' servizzi relatati mal-logħob tal-ażżard, l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tipprekludi lill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru milli tipprojbixxi lil fornitur ta' servizzi li diġà nħarġitlu liċenzja għall-provvista ta' dawn is-servizzi permezz tal-internet fi Stat Membru ieħor milli joffri dawn is-servizzi permezz tal-internet fl-ewwel Stat Membru?

2) L-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat għall-Artikolu 49 KE, u b'mod partikolari għall-prinċipju ta' ugwaljanza u għall-obbligu ta' trasparenza derivanti minnu, f'numru ta' każijiet li jikkonċernaw konċessjonijiet hija applikabbli għall-proċedura tal-għoti ta' liċenzja għall-provvista ta' servizzi relatati mal-logħob tal-ażżard taħt sistema unika ta' liċenzjar stabbilita mil-liġi?

3) a) Taħt sistema, stabbilita mil-liġi, ta' liċenzja unika, l-estensjoni tal-liċenzja tad-detentur tal-liċenzja, mingħajr ma jkun hemm applikanti oħra f'pożizzjoni li jikkompetu għal din il-liċenzja, tista' tikkostitwixxi mezz adegwat u proporzjonat sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala raġuni għall-ġustifikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward tal-logħob tal-ażżard? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

b) Tagħmel differenza għar-risposta tad-domanda 3(a) jekk ir-risposta għad-domanda 2 tkun fl-affermattiv jew fin-negattiv?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

22 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

23 L-Artikolu 49 KE jeżiġi t-tneħħija ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, anki jekk din ir-restrizzjoni tapplika mingħajr distinzjoni bejn il-prestatarji nazzjonali u dawk ta' Stati Membri oħra, meta din ir-restrizzjoni tkun ta' natura li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-prestatarju stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn jipprovdi legalment servizzi analogi. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija għall-benefiċċju kemm tal-prestatarju kif ukoll tad-destinatarju ta' servizzi (sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra, p. I-7633, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Huwa paċifiku li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 49 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52, kif ukoll ta' llum stess, Ladbrokes Betting & Gaming u Ladbrokes International, C-258/08, Ġabra p. I-4757, punt 16).

25 Madankollu, għandu jiġi eżaminat sa fejn tali restrizzjoni tista' tiġi aċċettata taħt il-miżuri derogatorji espressament previsti fl-Artikoli 45 KE u 46 KE, applikabbli għal dan il-qasam bis-saħħa tal-Artikolu 55 KE, jew ġustifikata, inkonformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).

26 L-Artikolu 46(1) KE jaċċetta restrizzjonijiet ġustifikati minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza identifikat ċertu numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu wkoll jiġġustifikaw l-imsemmija restrizzjonijiet, bħalma huma l-għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ta' prevenzjoni tal-frodi u tal-inkoraġġiment taċ-ċittadini li jidħlu f'nefqa eċċessiva marbuta mal-logħob kif ukoll ta' prevenzjoni ta' problemi ta' natura soċjali b'mod ġenerali (sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56).

27 F'dan il-kuntest, il-karatteristiċi ta' ordni morali, reliġjuża jew kulturali, kif ukoll il-konsegwenzi moralment u finanzjarjament dannużi għall-individwu u għas-soċjetà li huma relatati mal-logħob u l-imħatri jistgħu jkunu ta' natura li jiġġustifikaw l-eżistenza favur l-awtoritajiet nazzjonali ta' setgħa diskrezzjonali suffiċjenti sabiex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet li jinkludu l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ordni soċjali (sentenzi tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et*, C-243/01, Ġabra p. I-13031, punt 63, kif ukoll tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 47).

28 L-Istati Membri huma liberi li jiffissaw, skont l-iskala ta' valuri tagħhom stess, l-għanijiet tal-politika tagħhom fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u, jekk ikun il-każ, li jiddefinixxu bi preċiżjoni l-livell ta' protezzjoni mixtieq. Ir-restrizzjonijiet li huma jimponu għandhom, madankollu, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Placanica *et*, punt 48, kif ukoll Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, punt 59).

29 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju sabiex tivverifika jekk il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri jwieġbux verament għall-għanijiet li jistgħu jiġġustifikawhom u jekk ir-restrizzjonijiet minnhom imposti jidhrux li huma sproporzjonati fir-rigward ta' dawn l-għanijiet (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Gambelli *et*, punt 75, kif ukoll Placanica *et*, punt 58).

30 Billi rreferiet b'mod partikolari għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Gambelli *et* kif ukoll Placanica *et*, il-qorti tar-rinviju kkonstatat li l-għanijiet intiżi sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll sabiex jiġġieldu l-kriminalità u d-dipendenza fir-rigward tal-logħob, li fuqhom hija bbażata s-sistema ta' liċenzji esklużivi prevista fil-Wok, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

31 Il-qorti nazzjonali tikkunsidra wkoll li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-imsemmija sistema mhuma la sproporzjonati u lanqas applikati b'mod diskriminatorju. Għal dak li jirrigwarda speċifikament il-proporzjonalità, hija tenfasizza li l-fatt li operatur speċifiku biss jingħata liċenzja jiffaċilita mhux biss il-kontroll ta' dan, b'tali mod li l-kontroll tar-regoli marbuta mal-liċenzja jista' jkun iktar effettiv, iżda jwaqqaf ukoll li kompetizzjoni li dejjem tiżdied, li twassal għal żieda fid-dipendenza għal-logħob, tistabbilixxi ruħha fost il-varji operaturi b'liċenzja. L-istess qorti żżid li l-projbizzjoni għal kull persuna minbarra dik li għandha liċenzja li toffri logħob tal-ażżard tapplika mingħajr distinzjoni fir-rigward tal-impriżi stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi u ta' dawk li għandhom is-sede tagħhom fi Stati Membri oħrajn.

32 Id-dubju tal-qorti tar-rinviju joriġina mill-fatt li, fil-kawża prinċipali, Betfair tallega li hija ma għandhiex bżonn li tkun fil-pussess ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet Olandiżi sabiex toffri s-servizzi tagħha ta' mħatri sportivi permezz tal-internet lil persuni li jagħmlu l-imħatri u li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-fatt, dan l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi l-liċenzji li ngħataw lil din il-kumpannija minn Stati Membri oħrajn.

33 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li s-settur tal-logħob tal-ażżard offrut permezz tal-internet ma huwiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, Stat Membru jista' jikkunsidra li s-sempliċi fatt li operatur bħal Betfair jipproponi legalment servizzi li jaqgħu f'dan is-settur permezz tal-internet fi Stat Membru ieħor, fejn ikun stabbilit u fejn fil-prinċipju jkun diġà suġġett għal kundizzjonijiet legali u għal kontrolli min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat tal-aħħar, ma jistax jitqies bħala garanzija suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi nazzjonali kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità, fid-dawl tad-diffikultajiet li jistgħu jsibu, f'tali kuntest, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kwalitajiet u tal-onestà professjonali tal-operaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69).

34 Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kuntatt dirett bejn il-konsumatur u l-operatur, il-logħob tal-ażżard aċċessibbli bl-internet jimplika riskji ta' natura differenti u ta' portata ikbar meta mqabbla mas-swieq tradizzjonali ta' tali logħob fir-rigward ta' eventwali frodi mwettqa mill-operaturi fil-konfront tal-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 70).

35 Il-fatt li operatur li joffri logħob tal-ażżard permezz tal-internet ma għandux politika attiva ta' bejgħ fl-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari minħabba l-fatt li ma għandux aċċess għar-reklamar f'dan l-Istat, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jmur kontra l-kusiderazzjonijiet magħmula fiż-żewġ punti preċedenti. Dawn huma bbażati unikament fuq l-effetti tas-sempliċi aċċessibbiltà tal-logħob tal-ażżard permezz tal-internet u mhux fuq il-konsegwenzi eventwalment diverġenti tal-offerta attiva jew passiva ta' servizzi minn dan l-operatur.

36 Minn dan jirriżulta li r-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista', fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-offerta ta' logħob tal-ażżard permezz tal-internet, titqies bħala ġustifikata minħabba l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità (sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 72).

37 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprojbixxix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

38 Permezz tat-tieni u t-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, minn naħa, jekk il-ġurisprudenza żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE kif ukoll tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tal-obbligu ta' trasparenza li minnu jirriżulta, fil-qasam tal-konċessjoni ta' servizzi, hijiex applikabbli għall-proċedura għall-għoti ta' liċenzja lil operatur uniku fil-qasam tal-logħob tal-ażżard. Hija ssaqsi, min-naħa l-oħra, jekk it-tiġdid ta' din il-liċenzja, mingħajr sejħa għall-offerti, jistax jikkostitwixxi mezz idoneju u proporzjonat għat-twettiq ta' għanijiet ibbażati fuq raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

39 Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi ma huma rregolati minn ebda waħda mid-direttivi li permezz tagħhom il-leġiżlatur tal-Unjoni rregola l-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi li jikkonkludu tali kuntratti huma obbligati jirrispettaw ir-regoli fundamentali tat-Trattat KE b'mod ġenerali, b'mod partikolari l-Artikoli 49 KE, u, speċjalment il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li minnhom jirriżulta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2000, Telaustria u Telefonadress, C-324/98, Ġabra p. I-10745, punti 60 sa 62; tal-10 ta' Settembru 2009, Eurawasser, C-206/08, Ġabra I-8377, punt 44, kif ukoll tat-13 ta' April 2010, Wall, C-91/08, I-2815, punt 33).

40 Dan l-obbligu ta' trasparenza japplika fl-eventwalità li l-konċessjoni ta' servizzi kkonċernata tista' tinteressa lil impriża li tinsab fi Stat Membru differenti minn dak li fih tingħata din il-konċessjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2005, Coname, C-231/03, Ġabra p. I-7287, punt 17, u Wall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

41 Mingħajr ma neċessarjament jimplika obbligu li ssir sejħa għal offerti, dan l-obbligu ta' trasparenza jeħtieġ li l-awtorità konċedanti tiggarantixxi, favur kull konċessjonarju potenzjali, livell ta' pubbliċità xieraq b'tali mod li l-konċessjonijiet ta' servizzi jkunu miftuħa għall-kompetizzjoni u li l-imparzjalità tal-proċeduri ta' assenjazzjoni tal-konċessjonijiet tkun tista' tiġi kkontrollata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2008, Coditel Brabant, C-324/07, Ġabra p. I-8457, punt 25, u Wall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

42 Kemm mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-kliem tat-tieni domanda magħmula mill-qorti nazzjonali jirriżulta li l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi Olandiżi bl-għan li ċerti operaturi ekonomiċi jitħallew jipprovdu fil-Pajjiżi l-Baxxi servizzi fil-qasam tal-logħob tal-ażżard huwa kkunsidrat minn din il-qorti bħala l-għoti ta' liċenzja unika.

43 Kif ġie indikat fil-punt 10 ta' din is-sentenza, il-Wok hija bbażata fuq sistema ta' liċenzji esklużivi, skont liema, minn naħa, hija pprojbita l-organizzazzjoni jew il-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard mingħajr ma tingħata liċenzja għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu biss liċenzja waħda għal kull logħba tal-ażżard awtorizzata.

44 Il-liċenzja unika tikkostitwixxi intervent tal-awtoritajiet pubbliċi li l-għan tiegħu huwa li jirregola l-eżerċizzju ta' attività ekonomika, f'dan il-każ l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard.

45 Fid-deċiżjoni li tagħti l-liċenzja hemm numru ta' kundizzjonijiet imposti mill-imsemmija awtoritajiet rigward b'mod partikolari n-numru massimu ta' mħatri sportivi awtorizzati f'sena, l-ammonti ta' dawn l-imħatri, it-tqassim tad-dħul nett lil istituzzjonijiet ta' interess ġenerali u d-dħul għall-operatur inkwistjoni, fis-sens li dan tal-aħħar jista' jżomm biss l-ammont tal-ispejjeż sostnuti mingħajr ma jagħmel ebda profitt. Dan l-operatur huwa barra minn hekk awtorizzat jikkostitwixxi, kull sena, fond ta' riżerva li jikkorrispondi għal mhux iktar minn 2.5 % tad-dħul miksub matul is-sena kalendarja preċedenti, u dan sabiex jiżgura l-kontinwità tal-attività tiegħu.

46 Il-fatt li l-għoti ta' liċenzja unika ma huwiex ekwivalenti għal kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi ma jistax, fih innifsu, jiġġustifika li r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 49 KE, b'mod partikolari l-prinċipju ta' trattament ugwali u l-obbligu ta' trasparenza, jiġu miksura meta tingħata liċenzja bħal dik fil-kawża prinċipali.

47 Fil-fatt, kif l-Avukat Ġenerali osserva fil-punti 154 u 155 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-obbligu ta' trasparenza jidher bħala prekundizzjoni obbligatorja tad-dritt ta' Stat Membru li jattribwixxi lil operatur id-dritt esklużiv li jwettaq attività ekonomika, ikun xi jkun il-mod ta' kif jintgħażel dan l-operatur. Tali obbligu għandu japplika wkoll fil-kuntest ta' sistema ta' liċenzja mogħtija lil operatur uniku mill-awtoritajiet ta' Stat Membru fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' ordni pubbliku tagħhom, għaliex l-effetti ta' din il-konċessjoni fir-rigward tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistgħu jkunu potenzjalment interessati fl-eżerċizzju ta' din l-attività, huma l-istess bħal dawk ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi.

48 Ċertament, hekk kif jirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda, l-Istati Membri jiddisponu minn setgħa diskrezzjonali suffiċjenti sabiex jistabbilixxu l-livell ta' protezzjoni mixtieqa fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u, konsegwentement, jistgħu jagħżlu, bħal fil-kawża prinċipali, sistema ta' liċenzja lil operatur uniku.

49 Madankollu, sistema bħal din ma tagħtix id-dritt li jittieħdu deċiżjonijiet diskrezzjonali minn naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ta' natura tali li jċaħħdu mill-effettività tagħhom id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw libertà fundamentali bħal dik tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

50 Fil-fatt, skont ġurisprudenza kostanti, sabiex sistema ta' liċenzja minn qabel tkun iġġustifikata anke jekk tiddevja minn libertà fundamentali, għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, li ma jkunux diskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, b'mod li tiġi limitata l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet sabiex din ma tintużax arbitrarjament (sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, C-389/05, Ġabra p. I-5397, punt 94, u tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, Ġabra p. I-1721, punt 64). Barra minn hekk, kull persuna milquta minn miżura restrittiva bbażata fuq tali deroga għandha jkollha rimedji ta' natura ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et*, C-205/99, Ġabra p. I-1271, punt 38).

51 L-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tal-obbligu ta' trasparenza li minnu jirriżulta għandhom neċessarjament jimplikaw li l-kriterji oġġettivi li jippermettu li tiġi limitata s-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiġu ppubbliċizzati suffiċjentement.

52 Għal dak li jirrigwarda l-proċedura għat-tiġdid tal-liċenzji esklużivi mogħtija taħt il-Wok, il-Gvern Olandiż spjega, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li l-liċenzji dejjem jingħataw fuq bażi temporanja, ġeneralment għal perijodu ta' ħames snin. Dan l-approċċ huwa adottat għal għanijiet ta' kontinwità, b'dati speċifiċi ta' riferiment li jippermettu li jiġi deċiż jekk il-bdil tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja huwiex iġġustifikat.

53 Huwa paċifiku li, permezz tad-deċiżjonijiet tal-10 ta' Diċembru 2004 u tal-21 ta' Ġunju 2005, il-Ministru ġedded il-liċenzji mogħtija rispettivament lil De Lotto, għal perijodu ta' ħames snin, u lil SGR, għal perijodu ta' tliet snin, mingħajr ebda proċedura ta' sejħa għal offerti.

54 F'dan ir-rigward, ma hemmx lok li ssir distinzjoni skont jekk l-effetti restrittivi ta' liċenzja unika jirriżultawx mill-għoti tagħha bi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 50 ta' din is-sentenza jew mit-tiġdid ta' tali liċenzja bl-istess kundizzjonijiet.

55 Proċedura ta' tiġdid ta' liċenzja, bħal dik fil-kawża prinċipali, li ma tissodisfax l-imsemmija kundizzjonijiet, twaqqaf fil-prinċipju lil operaturi oħrajn milli juru l-interess tagħhom fl-eżerċizzju tal-attività kkonċernata u, b'hekk, dawn tal-aħħar huma prekluži milli jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilit fl-Artikolu 49 KE.

56 Il-Gvern Olandiż jenfasizza li l-qorti tar-rinviju kkonstatat li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mis-sistema ta' liċenzja mogħtija lil operatur uniku huma ġġustifikati minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u li huma adatti u proporzjonati.

57 Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li l-evalwazzjonijiet magħmula mill-qorti tar-rinviju li għalihom jirreferi l-Gvern Olandiż jirrigwardaw, b'mod ġenerali, sistema ta' liċenzja esklużiva bħal dik prevista fil-Wok u mhux, b'mod partikolari, il-proċedura ta' tiġdid tal-liċenzja mogħtija lill-operatur li jibbenefika mid-dritt esklużiv li jorganizza u jippromwovi l-logħob tal-ażżard.

58 Hekk kif l-Avukat Ġenerali jirrileva fil-punt 161 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandha ssir distinzjoni bejn l-effetti tal-ftuħ ta' sejħa għal offerti fis-suq tal-logħob tal-ażżard, li n-natura detrimentali tagħhom tista' tiġġustifika restrizzjoni tal-attività tal-operaturi ekonomiċi, u dawk tal-ftuħ ta' sejħa għal offerti għall-għoti tal-kuntratt ikkonċernat. In-natura detrimentali tal-kompetizzjoni fis-suq, jiġifieri bejn diversi operaturi li jistgħu jiġu awtorizzati jipprovdu l-istess logħba tal-ażżard, jiġi mill-fatt li dawn l-operaturi jkollhom jikkompetu fuq livell kreattiv biex irendu l-offerta tagħhom iktar attraenti u b'hekk iżidu l-infiq tal-konsumaturi marbut mal-logħob u r-riskji ta' dipendenza ta' dawn tal-aħħar. Min-naħa l-oħra, dawn il-konsegwenzi ma għandhomx ikunu ta' inkwiet fl-istadju tal-għoti tal-liċenzja.

59 F'kull każ, ir-restrizzjonijiet għal-libertà fundamentali stabbilita fl-Artikolu 49 KE li jirriżultaw speċifikament mill-proċeduri għall-għoti u għat-tiġdid ta' liċenzja lil operatur uniku, bħal dawk fil-kawża prinċipali, setgħu jiġu kkunsidrati bħala ġġustifikati li kieku l-Istat Membru kkonċernat iddeċieda jagħti jew iġedded il-liċenzja lil operatur pubbliku li l-amministrazzjoni tiegħu hija suġġetta għall-kontroll dirett tal-Istat jew lil operatur privat li l-attivitajiet tiegħu huma suġġetta għal kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Läärä *et*, C-124/97, Ġabra p. I-6067, punti 40 u 42, kif ukoll Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punti 66 u 67).

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għoti jew it-tiġdid favur tali operatur, mingħajr ebda proċedura ta' sejħa għal offerti, ta' drittijiet esklużivi għall-operat ta' logħob tal-ażżard ma jkunux jidhru sproporzjonati fir-rigward tal-għan li l-Wok tipprova tilħaq.

61 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk l-operaturi b'liċenzja fil-Pajjiżi l-Baxxi għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 59 ta' din is-sentenza.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni u t-tielet domanda hija li l-Artikoli 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipju ta' trattament ugwali u l-obbligu ta' trasparenza li minnu jirriżulta huma applikabbli għall-proċeduri għall-għoti u għat-tiġdid ta' liċenzja lil operatur uniku fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, sakemm ma huwiex operatur pubbliku li l-amministrazzjoni tiegħu hija suġġetta għall-kontroll dirett tal-Istat jew operatur privat li l-attivitajiet tiegħu huma suġġetta għal kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi.

Fuq l-ispejjeż

63 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprojbixxix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

2) L-Artikoli 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipju ta' trattament ugwali u l-obbligu ta' trasparenza li minnu jirriżulta huma applikabbli għall-proċeduri għall-għoti u għat-tiġdid ta' liċenzja lil operatur uniku fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, sakemm ma huwiex operatur pubbliku li l-amministrazzjoni tiegħu hija suġġetta għall-kontroll dirett tal-Istat jew operatur privat li l-attivitajiet tiegħu huma suġġetta għal kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi.

Firem